



12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1665/2009, ippreżentata minn Peter Brown, ta' nazjonalità Britannika, dwar il-ġustifikazzjoni għall-projbizzjoni tal-użu tal-idroklorur tal-istriknina għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara skont id-Direttiva 98/8/KE

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jikkuntesta l-ġustifikazzjoni għall-projbizzjoni tal-użu tal-idroklorur tal-istriknina għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara (talpi), kif prevista mid-Direttiva 98/8/KE, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2006. Il-petizzjonant iħoss li nkisrulu d-drittijiet tiegħu peress li minħabba din il-projbizzjoni, li hu jqis li mhix ġustifikata, hu kellu jagħlaq in-negozju tiegħu. Barra minn hekk, hu jikkunsidra li l-metodi l-oħra għall-qirda tat-talpi jqumu iktar flus u huma inqas effettivi.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 24 Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-petizzjoni

Il-petizzjonant m'huwiex kuntent dwar l-ispiża tad-difiża ta' sustanza attiva matul il-programm ta' revizzjoni msemmi hawn fuq. Id-difiża tal-idroklorur tal-istriknina kienet tehtiegħu jħallas spiża ta' €5 miljun. Huwa jqis ir-regolamentazzjoni fil-livell tal-UE bħala superfluwa, minħabba li l-pestiċidi kienu diġà regolati fir-Renju Unit minn għexieren ta' snin ilu u jqis ukoll il-metodi alternattivi ta' kontroll tat-talpi bħala għaljin u ineffettivi. Il-petizzjonant iqis li l-Kummissjoni ma wettqitx studju ta' impatt xieraq kif kienet wegħdet, u jħoss li l-istudju ma ngħatax biżżejjed pubbliċità u ma kienx ibbażat fuq evidenza. Hu jqis lillu nnifsu mċaħħad mid-dritt tiegħu għal

proprietà u, għalhekk, iqis li għandu dritt għal kumpens finanzjarju. Huwa jsostni wkoll li hemm evidenza li tappoġġja t-komplija tal-użu tal-idroklorur tal-istriknina, filwaqt li sustanzi kimiċi oħra li għadhom fis-suq huma perikolużi.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Id-Direttiva 98/8/KE dwar il-Bijocidi¹, tipprevedi eżami sistematiku matul programm ta' 14-il sena ta' revizzjoni tas-sustanzi attivi fil-prodotti bijoċidali li kienu fis-suq qabel l-14 ta' Mejju 2000 (l-hekk imsejħa sustanzi attivi "eżistenti"). Għal dan il-għan, l-industrija tal-bijoċidi kellha tidentifika s-sustanzi attivi kollha li kienet qed tuża fil-prodotti tagħha, u jekk xtaqet tibqa' tużahom, kellha tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tissottometti data sħiħa għall-valutazzjoni tagħhom (evalwazzjoni tal-effikaċja u tar-riskju).

Is-sustanzi attivi li ġew identifikati biss, jiġifieri mhux difiżi b'data mill-industrija (lista adottata fl-2003), ingħataw perjodu ta' tneħħija gradwali (1.9.2006), u wara din id-data ma setgħux jintużaw aktar għal skopijiet bijoċidali. Hekk seħħ fil-każ tal-idroklorur tal-istriknina.

Konsegwentement, m'hemm l-ebda possibbiltà li l-idroklorur tal-istriknina jitqiegħed fis-suq għall-kontroll tat-talpi ħliet billi tiġi ppreżentata l-informazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Bijoċidi. Għalhekk, jekk kumpanija tippreżenta dossier dwar l-istriknina u l-eżitu tal-valutazzjoni jkun favorevoli, is-sustanza tista' biss terġa' tiġi introdotta fis-suq wara t-tmiem tal-proċedura ta' evalwazzjoni, wara l-adozzjoni u t-traspożizzjoni tad-direttiva ta' inklużjoni fil-liġi nazzjonali u wara l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti fil-livell tal-Istat Membru.

Ir-regoli tad-direttiva dwar il-prodotti bijoċidali japplikaw ugwalment għas-sustanzi attivi kollha użati fi prodotti bijoċidali. Il-kumpaniji jridu jħallsu l-ispejjeż għall-għbir tad-data neċessarja għall-valutazzjoni tar-riskju u jħallsu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-ispejjeż nazzjonali għall-valutazzjoni. Il-għbir u l-evalwazzjoni tad-data huma, madankollu, meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Għad hemm il-possibbiltà li l-idroklorur tal-istriknina jiġi evalwat u approvat għall-użu f'prodotti bijoċidali skont id-Direttiva dwar il-Bijoċidi, u f'dak il-każ id-data rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju għandha tingħata, kif isir għal kull sustanza attiva oħra maħsuba għall-użu f'prodotti bijoċidali.

L-istudju ta' impatt ta' Ottubru 2008 li għalih qed jirreferi l-petizzjonant huwa l-Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/8/KE dwar it-tqegħid ta' prodotti bijoċidali fis-suq (ippreżentata skont l-Artikolu 18(5) tad-Direttiva) u rapport ta' progress dwar il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 16(2) tal-istess Direttiva tat-8 ta' Ottubru 2008 (COM(2008)620 finali), li jirreferi għal studju kkummissjonat dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva ffinalizzata f'Ottubru 2007². L-aħħar direttiva kienet ibbażata fuq konsultazzjoni mal-partijiet interessati, immedija fuq il-websajt tad-DĠ Ambjent f'Novembru 2006, li fiha ħadu sehem madwar 280 parti interessata. L-impatt tal-projbizzjoni fuq għadd ta' sustanzi attivi, inkluż il-klorur tal-istriknina, huwa analizzat fl-istudju. Waħda mill-konklużjonijiet tal-valutazzjoni kienet li d-Direttiva dwar

¹ ĠU L 123 , 24.4.1998, p. 1-63

² Disponibbli fuq is-sit tal-Internet

http://circa.europa.eu/Public/irc/env/bio_reports/library?l=/study_implementation/report_101007pdf/_EN_1.0_&a=d

il-Bijoċidi għandha tiġi riveduta, bil-għan, fost oħrajn, li tiffaċilita l-konformità mad-direttiva għall-SMEs. Fit-12 ta' Ġunju 2009 l-Kummissjoni irrispettat l-impenn tagħha billi adottat proposta għal Regolament dwar il-Bijoċidi (COM(2009)267). Il-proposta fiha għadd ta' elementi bil-għan li jiffaċilitaw din il-konformità, bħall-adattament ta' ċerti rekwiżiti ta' data li jitnaqqsu l-ispejjeż u t-tnaqqis tal-ħlasijiet li jintalbu mingħand il-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju.

Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni aġixxiet fil-qafas legali pprovdut mid-Direttiva dwar il-Bijoċidi, adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Hija ppruvat ukoll ittejjeb b'mod kostruttiv id-direttiva permezz tar-Regolament dwar il-Bijoċidi propost.